

Dispożittiv

L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 79/7 tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, skont liema l-ammont tal-pensioni ta' rtirar ta' tip kontributtiv ta' ħaddiem part-time huwa kkalkolat billi jiġi mmultiplikat ammont bażiku, stabbilit minn remunerazzjonijiet effettivament miġbura u kontribuzzjonijiet effettivament imħalla, b'perċentwali li tirrifletti t-tul tal-perijodu ta' kontribuzzjoni, fejn dan il-perijodu huwa assenja minn koeffiċċient ta' tnaqqis ugwali mar-rapport bejn iż-żmien ta' xogħol part-time effettivament imwettaq u ż-żmien ta' xogħol imwettaq minn ħaddiem part-time paragħunabbli biż-żieda tal-applikazzjoni ta' koeffiċċient ta' 1.5 sa fejn l-imsemmija leġiżlazzjoni tpoġġi fi żvanta għġġid b'mod partikolari lill-ħaddiema nisa meta mqabbla mal-ħaddiema rġiel.

(¹) ĠU C 190, 4.6.2018

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-8 ta' Mejju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Vrhovno sodišče Republike Slovenije — is-Slovenja) — Jadran Dodič vs Banka Koper, Alta Invest

(Kawża C-194/18) (¹)

(Rinvju għal-deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Trasferiment ta' impriżi — Direttiva 2001/23/KE — Artikolu 1(1) — Kamp ta' applikazzjoni — Kriterji ta' evalwazzjoni tat-trasferiment — Trasferiment ta' klijentela — Trasferiment tas-servizzi finanzjarji kollha ta' bank lil kumpannija ta' senserija finanzjarja bl-eskużjoni tat-trasferiment tal-personal)

(2019/C 230/16)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Qorti tar-rinvju

Vrhovno sodišče Republike Slovenije

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Jadran Dodič

Konvenuti: Banka Koper, Alta Invest

Dispożittiv

L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impiegati fil-każz ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kisba, mit-tieni impriżi, tal-instrumenti finanzjarji u tal-attivi l-oħra ta' klijenti tal-ewwel impriżi, sussegwentement għall-waqfien ta' attivitā tagħha, bis-saħħa ta' kuntratt li l-konklużjoni tiegħu hija imposta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, anki meta l-klijenti tal-ewwel impriżi jibqgħu ħielsa li ma jafdawx l-immaniġġar tat-titoli finanzjarji tagħhom lit-tieni impriżi, tista' tikkostitwixxi trasferiment ta' impriżi jew ta' parti minn impriżi meta l-eżistenza ta' trasferiment ta' klijentela tkun stabilita, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinvju. F'dan il-kuntest, in-numru kbir ħafna ta' klijenti attwalment ittrasferiti ma huwiex, waħdu, deċiżiv fir-rigward tal-klassifikazzjoni bħala "trasferiment" u l-fatt li l-ewwel impriżi tikkollabora, bħala kumpannija ta' senserija finanzjarja mhux indipendenti, mat-tieni impriżi, bħala prinċipju, huwa irrilevanti.

(¹) ĠU C 190, 4.6.2018.